# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR171827, Press Release Issue Date: Aug 03, 2017

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed), imsemmija prodotti ġew irtirati mis-suq. Minn informazzjoni li għandu dan id-Direttorat, ingredjent (dqiq) li seta' ntuża f'dawn il-prodotti nstab li jista' jkun fih livell ta' polycyclic aromatic hydrocarbons (PAHs) li huwa iktar milli tippermetti l-liġi.

Deskrizzjoni tal-Prodott: 3 cereals with milk
Ditta: Nestlè Cerelac
Data tad-durabbilità: 07-2018
Lott: L70090291
Piż: 400g
Oriġini: Spanja

Deskrizzjoni tal-Prodott: Mixed fruits and wheat with milk
Ditta: Nestlè Cerelac
Data tad-durabbilità: 06-2018
Lott: L63580291
Piż: 400g
Oriġini: Spanja




Il-kumpanija involuta ddikjarat li parti mill-konsenja laħqet inbiegħet, għaldaqstant id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre,

Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.